*- Art 231 Kap12*

*- permess biex sentenza in parte tiġi appellata qabel il-ġudizzju finali*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Digriet mogħti fil-miftuħ ILLUM, 5 ta' Mejju 2022**

**Rikors Nru. 1200/2019 GM**

**Anne Cachia (ID 322753M),**

**Monica Depasquale ID 235150M,**

**Louise Calleja ID 725556(M),**

**Gillian Vella (ID 185148M,**

**Olga Mifsud ID 1052145M,**

**Marie Josette Grech Ellul ID 0581639M,**

**Maria Berta Caruana Dingli ID 686336M**

**Rosanne Micallef ID 102276M bhala mandatarja tal-assenti Luċia sive Ella Percival Maxwell**

**Nutar Joseph Saydon ID 377746M bhala mandatarju tal-assenti Stefan Giehel u tal-assenti Alfred Grech Ellul**

**Louise Calleja ID 725556(M), bhala mandatarja tal-assenti Anne-Louise Keeley u Elisabeth Le Vierge**

**vs**

**Frank sive  Francis Sammut, u b'digriet mogħti fl-20 ta' Frar 2020 ġie jaqra Francis sive Frank Sammut; u martu Frances Mary Sammut, u**

**Direttur Uffiċċju Kongunt għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza in parte tagħha tat-22 ta' Frar 2022 li permezz tagħha ċaħdet ir-raba' u l-ħames  eċċezzjonijiet tal-konvenuti Sammut dwar il-preskrizzjoni.

Rat ir-rikors tal-istess konvenuti tat-28 ta' Frar 2022 li permezz tiegħu talbu permess biex jappellaw mis-sentenza billi tolqot il-mertu sostantiv tal-kawża.

Rat li l-atturi stiednu l-Qorti tikkunsidra jekk is-sentenza hix waħda definittiva jew in parte, u rrimettew ruħhom għad-deċiżjoni tal-Qorti.

Rat li waqt l-udjenza tal-11 t'April 2022 ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment.

Ikkunsidrat:

Għalkemm mhux speċifikat fiha, it-talba qiegħdha ssir a tenur tal-Artiklu 231 tal-kodiċi ritwali.  Talba li trid issir verbalment meta tingħata s-sentenza jew  fi żmien sitt ijiem permezz ta' rikors.

Il-ħtieġa li jintalab permess biex isir appell ġiet introdotta mill-Att XXIV tal-1995 biex jiġi evitat l-ispezzettar tal-kawżi.  Interessanti li għal dak li jirrigwarda d-digrieti, hemm kategorija li ma jistax isir appell minnhom qabel is-sentenza (Art. 229(1)); kategorija oħra li jista' jsir appell minnhom appena jiġu ppronunzjati

mill-Qorti bil-miftuħ (Art. 229(2)) u fl-aħħar nett kategorija li huma appellabbli biss bil-**"permess speċjali"** tal-Qorti. Fil-każ ta' sentenzi in parte, l-appell qabel is-sentenza huwa soġġett għall-**"permess"** - u mhux permess speċjali – tal-Qorti. Dan juri li filwaqt li l-permess speċjali jingħata f'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-permess jingħata meta jkun hemm raġuni valida li m'hemmx għalfejn tkun waħda dettata minn xi ċirkostanzi straordinarji. Sempliċiment il-Qorti trid taċċerta ruħha li ma jkunx hemm abbuż proċedurali. Fil-każ preżenti, il-Qorti jidhrilha li huwa opportun qabel ma tinoltra ruħa f'iktar provi li l-kwistjoni tal-preskrizzjoni tiġi definittivament riżolta mill-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex tevita l-possibilita` li toqgħod tisma' ħafna provi għalxejn.

Għal dawn il-motivi, tilqa' t-talba, tagħti permess biex isir appell mill-imsemmija sentenza, u tħalli l-kawża sine die, riappuntabbli fi żmien tmint ijiem mill-eventwali sentenza tal-Qorti tal-Appell.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

Moqrija.

GRAZIO MERCIECA

IMĦALLEF